**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Ali Almosleh**

**Illum 3 ta' Marzu, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ali Almosleh minghajr dokument ta' identifikazzjoni billi huwa akkuzat talli nhar it-23 ta' Frar 2020 u fi zminijiet ta' qabel din id-data, gewwa dawn il-gzejjer:

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'dokument Grieg li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih u cioe f'isem Georgios Grournelos bil-karta tal-identita Griega bin-numru AM690342 (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument fuq imsemmi (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32 (1d) tal-Ligijiet ta' Malta).

U aktar talli fit-23 ta' Frar 2020 ghall-habta tat-15:00hrs gewwa Triq Sa Maison, Floriana

4. Saq il-vettura ta' ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni JBG857 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan (Kap.65, Art.15 (1) (a)).

5. Saq il-vettura ta' ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni JBG857 minghajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ghal terzi persuni (Kap. 104, Art.3 (1)).

Il-Qorti giet wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati ghall-akkuzi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat Sec 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, Sec 189 ta-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Sec 32 (1d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, Art.15 (1) (a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Art.3 (1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija u multa komplessiva ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) liema multa ghandha tithallas fi zmien 3 snin millum u tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal sena li jibda min-nofs il-lejl tallum.

-----------------------------

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur